# LIL MARIJA BAMBINA

**Ta' Ġuże' Delia, S.J.**

Marija Bambina,
Li tfewwaħ bil-fwieħa balsmija tas-sema,
Li meta dhert fostna,
Imlejt din l-art tagħna bid-dija ta' ġmielek,
Illum miġburin hawn quddiemek.
Irridu minn qalbna nagħtuk it-tislima,
Biex lilek infissru l-imħabba u l-qima,
Li aħna, ulied din il-belt Sengleana,
Dil-belt li hi tiegħek u tagħna,
Inħossu hawn taħraq u tħeġġeġ ġo fina,
Għalik, ja Madonna, Omm tagħna ħanina.

Dal-jum ta' Settembru jfakkarna
Li s-sena li ġejja, ħamsin sena ilu,
Quddiemek inġbarna kotrana,
Biex rasek inżejnu b'kuruna tad-deheb,
U lilek nistqarru quddiem l-art u s-sema,
Ta' qlubna, ta' djarna, ta' l-Isla Sultana.

Tiftakar, Marija Bambina,
Konna hemm dak in-nhar, l-Isla kollha bi ħġarha,
Sabiex ta' mħabbitna nixhdulek il-ħsara;
U l-baħar u x-xatt kienu mdewda,
Bin-nisa, bir-rġiel,
Bix-xjuħ u biż-żgħażagħ, bl-eluf tat-tfal tagħna,

Li ġew biex jitgħaxxqu
Bil-ġmiel illi jiddi fuq wiċċek sabiħ,
Sabiħ qisu x-xemx ta' fil-għodu,
Li timla bid-dija l-ħolqien,
U xxerred madwarha bħal rogħda ta' ħajja,
U mewġa ta' ferħ u ta' sliem kullimkien.

U b'leħen imqanqal għajjatna l-ferħ tagħna,
Li le stajna nrażżnu ġo fina,
U d-dmugħ ħassejnieh jaqbeż sħun fuq ħaddejna,
U annuna lissinna: "Evviva Marija Bambina!"
U ħarġet dik l-għajta u dwiet ma' kull naħa,
Tas-swar u tal-port ta' madwarna,
U xterdet mal-beraħ tas-sema fuq rasna,
U 'l bogħod fuq il-firxa tal-baħar quddiemna,
Bħar-ragħda tal-ħalel,
Li jħabbtu ma' xtutna blatija
Fir-rwiefen qalila tal-ljieli xitwija.

Int taf, ja Madonna,
Fil-ġawhar u d-deheb,
Li bih ridna nżejnu l-kuruna fuq rasek,
Hemm tħabbat din qalbna,
Il-qalb ta' dal-poplu li hu tiegħek.
Dal-poplu ta' l-Isla, li Int dejjem ħabbejt,
U dejjem ħarist u ġo qalbek żammejt,
Sabiex ħaġa waħda jkun miegħek.

Għax Inti minn dejjem urejtna
Li Int tassew Ommna,
Minn dejjem ħadt ħsiebna,
Fin-niket, fid-dnewwa,
Minn dejjem kont magħna
Fil-ġuħ u fil-mard, fit-taqbid mal-għedewwa.

Tiftakar, Marija Bambina,
Fil-jiem meta l-Mislem kien ħabat għalina,
U ried minn dil-gżira
Iqaċċat minn qalbna sa l-inqas tifkira
Ta' Kristu li fdiena

U tiegħek, Omm tagħna, ta' ħlewwa u ta' ħniena.
It-Torok ġew fuqna bl-eluf u qawwija,
U lilna, magħluqa ġos-swar,
Dawruna mill-art u mill-baħar,
Bħal f'morsa, bħal f'ċirku tan-nar.
U kollox kien ħerba madwarna.
Sant Jiermu kien waqa',
U miegħu wkoll il-qalbiena,
Li tqabdu sa l-aħħar bħal ljuni,
U nxteħtu sa f'ħalq il-kanuni.
Biex lilna jeħilsu mill-għadu
Imqit u bla ħniena.

Kien fadal weqfin San Mikiel u Sant'Anġlu,
weqfin fuq sieq waħda,
Għax fuqhom, bil-lejl u bin-nhar,
Le qatgħet ix-xita tal-balal.
U ġġarrfu l-imrammi tas-swar u t-trunċieri,
U tferrxu bħal ramel imxerrda,
Milquta mill-għadu
Li biss kien ta' ġensna jfittex il-qerda.

Is-Swar kienu mfarrka,
Mhux, le, il-qlubija ta' ħutna Maltin,
Li baqgħu jirsistu sa l-aħħar.
Bħal blata żonqrija,
Li fuqha titkisser u tisfa fix-xejn,
Tal-mewġ, fil-grigal, il-ħruxija.
Qatt qalbhom ma qatgħu
Għax kienu fiż-żgur illi s-Sema,
Li Inti, Marija, kont magħhom.
Għalhekk kienu żguri li r-rebħa tkun tagħhom.

Tiftakar, Marija Bambina.
Kien sewwa bħall-bieraħ,
Issa ilu fuq l-erba' mitt sena,
Fil-għodu ma' l-ewwel tbexbix,
Meta hekk, f'daqqa waħda,
It-Torok lil xtutna ħallew

U telqu maħruba lejn arthom,
U qatt lejn gżiritna, qatt iżjed ma ġew.
U l-għada, kif żernaq, bħal-lum,
Instemgħet mill-fort ta' Sant' Anġlu,
Iddoqq l-ewwel darba l-qanpiena,
Li kienet ix-xhur ilha siekta
Biex trodd ħajr lil Alla u lilek Marija,
U tgħarraf lid-dinja,
Bir-rebħa tat-tajfa Maltija.

Kont Int li wettaqt il-miraklu,
Madonna, Omm tagħna, ħanina,
Għax aħna, għalkemm konna ftit,
U l-għadu kien qawwi u mqit,
U tlifna kull tama fl-għajnuna
Li kienu l-ħbieb tagħna wegħduna,
'Ma ħriġna rebbieħa,
U kienet dik rebħa mill-iktar sabiħa,
Li għaġġbet fl-Ewropa 'l kulħadd,
Għax bħalha did-dinja ma kienet rat qatt.

U Inti bqajt dejjem, Marija Bambina,
Fil-ġirja tas-snin li ġew wara,
Li nisġu l-istorja ta' ġensna,
Minn dejjem maħqur,
Bqajt dejjem tħarisna, qawwija bħal sur.
U ħlistna mill-qilla ta' Franza ġakbina,
Li riedet il-fidi toħdilna
U tisraq il-fided u d-deheb
Mill-Knejjes sbieħ tagħna.
Imbagħad fl-aħħar gwerra dinjija
Li ġabet tant ħsara u xerrdet tant dmija,
Int ħlistna mill-ġuħ li kien iheddidna,
Li fniena fir-ruħ u fil-ġisem
U wasal sa kważi qeridna.

Int bqajt dejjem magħna
Hawn fuq, fuq din l-għolja, ta' din il-belt tagħna
Biex dejjem iżżommna taħt ħarstek ħanina
U dejjem f'kull ħtieġa Int tidħol għalina.

Għalhekk illum ġejna u nġbarna madwarek
Biex kelma ngħidulek minn qalbna,
Il-kelma, li nħossu qed tbaqbaq ġo fina,
U taħraq bin-nar ta' l-imħabba.
Irridu ngħidulek, Omm tagħna, Bambina,
Li b'ruħna u b'ġisimna rridu nħobbuk,
U rridu ma' tul din ħajjitna
B'Sultana ta' qlubna nżommuk.

* * *

U Inti, Marija Bambina, f'dil-lejla qaddisa,
Kif miegħek ninsabu miġbura f'riġlejk,
Berikna, tinsiex li Inti Ommna.
U fuqna żomm dejjem il-ħarsa t'għajnejk.
Illum mhux it-Torok li darba ġew fuqna,
U riedu jxejnulna kulma għandna qaddis,
Illum għadu ieħor li qed iheddidna,
U jrid jisirqilna
Kulma għandna għal qalbna għażiż.
Għax fuqna llum hemm għaddejja
Bħal mewġa ta' ħama u ta' tajn,
Li toħnoq trid fina.
Kulma għandna f'dil-ħajja sabiħ,
U tajjeb u għoli, u siewi, u sħiħ.

Hemm fl-ajru bħal riħ li qed jonfoħ madwarna,
Li jrid b'nifsu jaħraq tas-semm,
Iniġġeż u jħammeġ u jtabba'
Is-safa ta' ruħna u ta' qlubna l-imħabba,
U jrid minn quddiemna jitfilna
Id-dehra smewwija tal-ġenna,
Fejn biss f'dan il-wied ta' dmugħ u ta' biki,
Din ruħna għajjiena u mdejqa
Biss tista' tithenna.

Marija Bambina,
Dak biegħed minn fostna,
Dak kollu li jdennes u jdardar
Is-safa ta' wliedna,
Taż-żgħażagħ uliedna,
Biex fost it-tħassir li jġib miegħu d-dnub,
Li joqtol il-ħajja li tħabbat fil-qlub,

Ħarsithom sabiħa u misfija
Bla dell t'ebda ħtija,
'Il fuq tibqa' msammra f'difat is-smewwiet,
Mitlufa fis-safa ta' l-oħla dehriet.
U żomm il-familja fir-rabta qaddisa
Li biha l-imħabba għaqqdithom flimkien,
L-imħabba li minnek imbierka
Qatt tista' kontriha,
Il-qawwa qerrieda taż-żmien.
U bierek, Marija Bambina
Lil din l-Isla tagħna, li tatna t-twelid,
Din l-Isla, li dejjem ħabbejna,
Li dejjem xtaqnielha kull ġid.
Il-bieraħ, fil-gwerra, b'għajnejna mbikkija,
Rajnieha gozz ħerba, mifruxa ma' l-art.
Midruba mill-balal ta' l-għadu,
Imgħargħra fin-niket u fl-hemm
U tħammar maħsula bid-demm.
Midruba, mhux mejta,
Għax ħajja rajnieha, mill-ġdid tarġa' tqum,
Fuq tagħha u sabiħa, kif tidher illum,
Bit-toroq u d-djar u l-pjazez miftuħa,
B'dat-Tempju glorjuż u qaddis,
Għalik, o Marija u għalina,
Minn dejjem għażiż.

Berikha, Madonna, lil din l-Isla tagħna,
Li Inti b'għamartek għażilt.
Li qatt ma tintefa ġo fina
L-imħabba li dejjem ġarrabna għalik,
U l-Fidi li writna minn Pawlu Missierna,
Il-Fidi qaddisa fi Kristu u fik.
U agħmel, Marija, li l-Isla,
Kif kienet fl-imgħoddi hekk tibqa' għal li ġej,
Il-ġawhra sabiħa li tiddi fuq rasek
U Sur l-iktar qawwi
Tal-Knisja ta' Kristu Feddej.

Inqrat fit-8 ta' Settembru, 1970 quddiem l-istatwa tal-Madonna, Marija Bambina, fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' l-Isla.